# Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 31**

**5.30p.m 04 ta' Frar 2026**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Is- Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

**Assenti**

Ħadd

**Uffiċċjal Preżenti**

Roderick Ebejer - Segretarju Eżekuttiv

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Is-Sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-Ħamsa u wieħed u erbigħin minuta ta' filgħaxija (17:41).**

**31.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

Is-Sindku, Sur Luke Farrugia, nforma lill-Kunsill li rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cachia

**31.2 Attività Kuluri 2026**

Is-Sindku, Sur Luke Farrugia, spjega li din il-laqgħa urġenti ssejħet minħabba l-attivitajiet relatati mal-Karnival 2026. Huwa informa li, bħala Kunsill, ser jimxu fuq l-istimi miġbura mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li l-attività tal-Karnival mhux ser issir; minflok, ser tiġi organizzata attività bl-isem *Festa Kuluri 2026.*

**Wara dan, is-Sindku ppropona li l-attività *Festa Kuluri 2026* issir nhar it-12 ta' Frar.**
**Il-Viċi Sindku ssekonda.**

**Ivvutaw favur is-sitt membri preżenti. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.**

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament**

**31.2.1** Il-Kunsillier, Sur Dominic Spencer, ippreżenta mozzjoni fejn ippropona li l-baġit approvat għall-attività tal-Karnival 2026 jiġi allokat kollu għal din l-attività, sabiex jitkomplew it-tħejjijiet kif ippjanat, inklużi l-istimi miġbura mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Għalkemm l-istimi kienu oriġinarjament miġbura għall-attività tal-Karnival, is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-istess stimi jistgħu jintużaw ukoll għall-attività *Festa Kuluri 2026.*

Il-Viċi Sindku Josef Azzopadi issekonda.

**Ivvutaw favur is-sitt membri preżenti. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.**

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament**

**31.2.2** Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li, wara diskussjonijiet bejnu u l-Kunsillier Sur Dominic Spencer wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill, fejn Sur Spencer kien irrinunzja għar-responsabbiltajiet tiegħu mill-Kumitat tal-attivitajiet u ġemellaġġi, intlaħaq qbil bejn iż-żewġ partijiet. Is-Sindku nfurma li l-kunsillier Dominic Spencer se jkompli jżomm ir-responsabbiltà tal-Kumitat tal-attivitajiet u ġemellaġġi.

**31.3 Tmiem tal-Laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis- sitta’ u tmienja u erbghin minuta ta’ filgħaxija (17:48).

Luke Farrugia
Sindku

Roderick Ebejer
Segretarju Eżekuttiv

Appendiċi A

**Mozzjoni 03/2026**

Data: 04 ta' Frar 2026

Nipproponi sabiex tittella' attività ġdida bl-isem **"Festa Kuluri mal-Marsin 2026"**, marbuta mal-Karnival 2026.

Għaldaqstant, qed nitlob li l-budget allokat għall-attivitajiet tal-Karnival jiġi trasferit u allokat għal din l-attività ġdida, li se ssir **nhar il-Ħamis 12 ta' Frar 2026 mis-19:30 'il quddiem**, bl-istess programm u arranġamenti li kienu diġà mħejjija għall-attività tal-Karnival.

Din il-mozzjoni qed titressaq sabiex tiġi approvata l-organizzazzjoni tal-attività u t-trasferiment tal-fondi meħtieġa biex tiġi implimentata kif propost.

Proponent: Kunsillier Sur Dominic Spencer

Ssekondat: Viċi -Sindku Sur Josef Azzopardi

Preżenti 6 Kunmsilliera b'vot unanimu

Luke Farrugia
Sindku
Kunsill Lokali Marsa
Mob: 77475174
Email: luke.c.farrugia@gov.mt

Roderick Ebejer
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Marsa
Tel: 21220522 / 21224877
Email: roderick.ebejer.3@gov.mt